L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# Ir-Rapport tal-Eżaminaturi

## Malti ĊES

**Sessjoni Speċjali ta' Settembru 2020**

Il-Werrej

A. Introduzzjoni ..... 2
B. L-istatistika tar-riżultat ..... 2
Ċ. L-Ewwel Karta ..... 2
L-Ewwel Karta – L-Oral ..... 3
L-Ewwel Karta – Il-Kitba ..... 3
L-Ewwel Taqsima: Il-Komponiment ..... 3
It-Tieni Taqsima ..... 4
I. Fehim it-Test ..... 4
II. Għarfien il-Lingwa ..... 4
It-Tielet Taqsima – Il-Grammatika ..... 5
Ir-Raba' Taqsima – Ir-Rapport ..... 5
Il-Ħames Taqsima: L-Ittra / l-Email ..... 6
L-iżbalji fil-proża kontinwa ..... 6
D. It- Tieni Karta A ..... 8
L-Ewwel Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija) ..... 8
It-Tieni Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Proża) ..... 8
It-Tielet Taqsima: Il-Komponimenti Letterarji ..... 8
Bejn Ħaltejn ..... 8
Ir-Raba' Taqsima: Il-Komponiment Letterarju (*Il-Ħarsa ta' Rużann*) ..... 9
E. It-Tieni Karta B ..... 9
Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija) ..... 9
Referenza għall-Kuntest (Il-Proża) ..... 9
Il-Komponimenti Letterarji ..... 10
Bejn Ħaltejn ..... 10
Il-Ħarsa ta' Rużann ..... 11
E. Konklużjoni ..... 12

## A. Introduzzjoni

Minħabba li s-sena 2020 intlaqtet mill-COVID-19, is-sessjoni tal-eżami taċ-ĊES tal-Malti li kienet maħsuba għal Mejju saret f'Settembru bir-restrizzjonijiet meħtieġa fiċ-ċirkustanzi. Biex jitnaqqas il-kuntatt fiżiku, l-oral ma sarx u l-kandidati ngħataw il-marki kollha għalih. Għaldaqstant, l-eżami din is-sena ttestja biss il-ħila fil-kitba tal-ilsien Malti.

Dan huwa rapport deskrittiv u jħaddan fih ġabra ta' kummenti mingħand 18-il marker b'eżempji mix-xogħlijiet tal-kandidati ta' din is-sessjoni. Kull meta dan ir-rapport jagħti l-aspetti negattivi tax-xogħol tal-kandidati jkun irid jagħti ħjiel tal-perċezzjoni tal-kandidati fejn tidħol il-lingwa (jiġifieri, x'xorta ta' tagħlim ikunu xorbu l-kandidati). U l-ħafna żbalji tal-ortografija u tal-grammatika kkwotati għandhom il-funzjoni li jtanbru l-idea li wara bosta snin ta' tagħlim tal-Malti l-kandidati xorta jibqgħu jispellu ħażin u jiżbaljaw fl-istrutturi tagħhom. Imma wkoll dan ir-rapport jagħti eżempji ta' siltiet tajbin li għandhom jagħtu ħjiel ta' x'nifhmu b'Malti tajjeb f'dan il-livell; dawn l-eżempji qegħdin sabiex jgħinu lill-kandidati li ġejjin jibnu fuqhom.

## B. L-istatistika tar-riżultat

Iċ-ċifri ta' hawn taħt juru d-distribuzzjoni tal-gradi għas-sessjoni speċjali tas-sena 2020.

| GRAD | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | U | ABS | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| KARTA A | 26 | 72 | 70 | 56 | 55 | - | - | 33 | 62 | 374 |
| KARTA B | - | - | - | 99 | 145 | 191 | 85 | 254 | 135 | 909 |
| TOTAL | 26 | 72 | 70 | 155 | 200 | 191 | 85 | 287 | 197 | 1283 |
| % TAT-TOTAL | 2.0 | 5.6 | 5.5 | 12.1 | 15.6 | 14.9 | 6.6 | 22.4 | 15.4 | 100.0 |

*Distribuzzjoni tal-marki għaċ-ĊES Malti fis-Sessjoni Speċjali ta' Settembru 2020*

It-tabella turi li 62.2% tal-kandidati li qagħdu għall-eżami kienu ċertifikabbli (i.e. ġabu minn Grad 1 sa Grad 7) u li 40.8% ġabu minn Grad 1 sa Grad 5.

## Ċ. L-Ewwel Karta

L-istudju tal-Malti f'dan il-livell għandu jwassal lill-kandidati biex iħaddmu l-lingwa b'mod indipendenti u profiċjenti. Ħakma tajba tfisser li jifhmu u jikkomunikaw b'mod produttiv u effiċjenti, u japprezzaw sfumaturi differenti ta' tifsir. U b'dawn il-ħiliet jaslu jiktbu kulma jkollhom bżonn fis-soċjetà adulta: komponimenti immaġinattivi, esejs ta' diskussjoni, artikli ta' tagħrif b'arranġament ta' dettall, taqsiriet li jisiltu l-essenzjal ta' xi silta twila, deskrizzjonijiet preċiżi, rapporti meqjusa, emails u ittri formali b'messaġġi, u kull kitba kontinwa li jeħtieġu fid-dinja tal-lum. L-għarfien tal-grammatika jgħin f'dan il-proċess kollu biex il-kandidati jkollhom livell akkademiku xieraq fil-kitbiet kollha tagħhom. Meta ngħidu "livell xieraq" nifhmu l-livell li jħaddan fih l-użu funzjonali tal-lingwa li titqies bħala strument ta' interazzjoni soċjali. Dan l-eżami, għalhekk,

jistenna li l-kandidati jinqdew bil-lingwa b'mod effiċjenti sabiex jikkomunikaw ma' ħaddieħor f'ambjent uman.

## L-Ewwel Karta – L-Oral

F'din is-sessjoni speċjali l-Oral tal-Malti fil-Livell taċ-ĊES ma sarx, u l-kandidati ngħataw il-marki kollha tal-oral.

## L-Ewwel Karta – Il-Kitba

### L-Ewwel Taqsima: Il-Komponiment

*Is-suġġetti*

Il-kandidati ngħataw erba' suġġetti biex jagħżlu wieħed u jiktbu 350 kelma fuqu. Ix-xejriet tas-suġġetti kellhom ikunu hekk:

| ***Is-suġġett*** | ***Il-komponiment ried ikun*** |
|---|---|
| **L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Iddiskuti.** | **argumentattiv** |
| **Ikteb rakkont li jibda: "Darba waħda f'nofs ta' lejl qomt maħsud."** | **narrattiv** |
| **L-għajnuna fil-komunità.** | **espożitorju, argumentattiv** |
| **Iddeskrivi esebizzjoni tal-Arti f'mużew ġewwa l-Belt.** | **deskrittiv** |

L-aktar li ntgħażel kien ir-rakkont u warajh kien l-ewwel suġġett. Ftit kienu dawk li għażlu ż-żewġ esejs l-oħra u dak li nkiteb f'dawn l-esejs kien fqir wisq.

#### L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Iddiskuti.

Ħafna mill-esejs kellhom ideat simili għal xulxin. Dan x'aktarx għax dan is-suġġett kienu għamluh f'xi studji soċjali oħra tal-kors tagħhom. Għalkemm kien hemm bosta nuqqasijiet tal-ortografija, tas-sintassi, u tal-espressjoni l-markers innutaw xejriet ta' kitba mexxejja u tajba. B'eżempju ta' Malti xieraq insemmu din is-silta:

> "Minn dawn l-eżempji jispikka sew il-fatt li f'għajnejn is-soċjetà, l-mara ma kellha dinjità ta' xejn, u kienet trattata bħala sempliċiment possessjoni oħra tar-raġel tagħha. Nispera li bl-għajnuna u s-solidarjetà ta' kulħadd inkunu nistgħu ngħixu flimkien id f'id f'armonija."

Kien hemm min ma tax kas il-kelma "Iddiskuti" u ta tagħrif fuq l-istorja tal-femminiżmu fid-dinja mingħajr ma qagħad jiddiskuti xejn.

#### Ikteb rakkont li jibda: "Darba waħda f'nofs ta' lejl qomt maħsud."

Il-biċċa l-kbira tal-kandidati għażlu dan l-esej narrattiv. Kien hemm varjetà wiesgħa ta' ideat: kien hemm kitbiet fuq ħallelin, is-sopranaturali, miġjiet ta' aljeni, ħruq, u ħafna oħrajn irrakkontaw xi ħolm li kellhom.

Għalkemm bosta drabi l-vokabularju kien limitat u l-espressjoni kemxejn batuta, kien hemm waqtiet ta' kitba b'reqqa fl-għażla tal-kelma bħal f'dan l-eżempju:

> "Iżda bi tbissima, ħallejt dak il-ħsieb jisparixxi mar-riħ... Kollu ta' xejn, għax lanqas stajt nara xejn ħlief ċappa dlam."

L-għajnuna fil-komunità.

Ftit ħafna għażlu dan l-esej u min kiteb kellu ideat limitati jew kultant anki ħareġ barra mis-suġġett jew deher li ma jafx xi tfisser "komunità". Oħrajn ma setgħux jimmaġinaw x'tip ta' għajnuna setgħet tingħata. Dawk li kitbu b'mod xieraq semmew li din l-għajnuna trid tkun voluntarja u għalhekk wieħed m'għandux jistenna ħlas; il-ħlas ikun fis-sodisfazzjon f'dak li tagħmel meta taqdi lil xi nies fil-bżonn jew li jkunu morda, meta tmur tixtri dak li jkunu jeħtieġu xi anzjani, meta tgħin lil tfal oħra, u meta l-ambjent tar-raħal iżżommu nadif.

Iddeskrivi esebizzjoni tal-Arti f'mużew ġewwa l-Belt.

Il-ftit li għażlu dan l-esej kienu jew medjokri (b'ideat foqra) jew taw ideat irrelevanti.

## It-Tieni Taqsima

### I. Fehim it-Test

Il-kandidati kellhom iwieġbu sitt mistoqsijiet fuq is-silta pprovduta. Jidher li l-maġġoranza tagħhom fehmu s-sens ġenerali tas-silta u għaldaqstant wieġbu tajjeb ħafna mill-mistoqsijiet tant li bosta minnhom kisbu l-parti l-kbira tal-marki f'dan it-taħriġ. Madankollu ħareġ ċar ħafna li xi wħud mill-kandidati għadhom isibuha diffiċli ħafna meta jkollhom jaqraw bejn il-linji biex iwieġbu xi mistoqsija partikolari. Tant hu hekk li bosta ma weġbux tajjeb mistoqsija numru 4 li fiha riedu jagħtu r-raġuni l-għaliex il-Buskett kompla jieħu l-ħajja b'mod naturali u jgħidu l-għaliex jaħsbu hekk. Bosta sabuha diffiċli jwieġbu fi kliemhom u spiċċaw jikkupjaw mis-silta kważi kelma b'kelma. Oħrajn ma tawx tweġibiet iddettaljati skont kif mistenni.

### II. Għarfien il-Lingwa

Bosta kienu dawk il-kandidati li sabu diffikultà biex jagħtu kelma jew frażi oħra minflok il-kliem indikat fis-silta kif ukoll biex isibu kelma jew frażi minn paragrafu 5 li għandha t-tifsira mogħtija fil-mistoqsija. Bosta ma kinux jafu d-differenza bejn "il-bidwi" u "r-raħħal" u għaldaqstant għall-mistoqsija 8a, "nies li jrabbu l-bhejjem" wieġbu "bdiewa". Bosta wkoll ma kinux jafu xi tfisser il-kelma "għors" fis-silta u għaldaqstant ma wiġbux tajjeb il-mistoqsija 8d. Importanti wkoll li l-kandidati jifhmu li f'mistoqsijiet bħan-numru 9 huma mistennija jagħtu biss l-espressjoni mitluba mill-paragrafu u mhux jiktbu partijiet sħaħ mis-silta li huma irrelevanti biex mingħalihom "jolqtu" l-espressjoni t-tajba. Kien hemm xi wħud li għal terminu indefinit taw tifsira definita (bl-artiklu): eż. għal "drawwa" taw "l-użanza" (minflok "użanza") u għal "allegrija" taw "l-għors" (minflok "għors"). Kien hemm min "ħemda" fehemha "ħidma" u "allegrija" ħasibha "allerġija" (tant li kiteb "bir-riħa").

## It-Tielet Taqsima – Il-Grammatika

Bosta kandidati sabu din it-taqsima kemxejn iebsa u xi wħud ħallew ħafna minnha barra. Minn dawk li wieġbu ħareġ ċar il-fatt li ma kinux jafu l-elementi fundamentali dwar kif tiffunzjona l-lingwa f'dan il-livell. Ħafna ma kellhomx idea ta' x'inhu partiċipju passiv, avverbju, zokk morfemiku, jew pronom b'funzjoni ta' verb; u ma kinux ftit dawk li vvintaw xi kliem jew taw tweġibiet li ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dak li ntalab minnhom. Dan in-nuqqas ta' għarfien fil-grammatika jispjega għala fil-bqija tal-karta tal-eżami (l-aktar fil-kitba kontinwa) bosta kandidati jkollhom ħafna żbalji.

## Ir-Raba' Taqsima – Ir-Rapport

Għar-rapport il-kandidati kellhom jiktbu madwar 80 kelma fuq wieħed minn żewġ suġġetti. Ma deherx li kien hemm xi preferenza partikolari għal xi suġġett minnhom, imma deher ċar il-fatt li wħud mill-kandidati ma jafux li l-kitba ta' rapport titlob stil partikolari; dawn tal-aħħar taw storja jew ittra minflok rapport. Bħalma għedna fit-taqsima tal-esej, ħafna għandhom espressjoni fqira u mimlijin żbalji tal-kitba u nuqqasijiet strutturali.

Għall-ewwel rapport kien hemm min ma fehemx is-suġġett u kiteb daqslikieku kien il-klijent minflok il-maniġer tal-lukanda. Kien hemm min indirizza speċifikament lill-koki tal-lukanda biex iċanfarhom, jew kiteb ittra lill-editur tal-gazzetta biex jirrapporta dan l-ilment, jew saħansitra kiteb avviż lill-klijenti biex jerġgħu jmorru jieklu fil-lukanda.

Fil-każ tat-tieni rapport, fejn il-kandidati kellhom jiktbu dwar l-andament tal-logħba taħraq bejn żewġ timijiet rivali, bosta ma użawx il-vokabularju u l-espressjonijiet addattati għall-isport li kienu qed jitkellmu dwaru. Pereżempju, numru mdaqqas ta' kandidati li kitbu dwar logħba futbol użaw in-nom "punti" minflok "gowls" f'espressjonijiet bħal "skurjaw żewġ punti" minflok "skurjaw żewġ gowls", jew inkella "l-uniformi tal-plejers" minflok "il-gear".

Kien hemm kandidati li lanqas taw titlu lir-rapport, u oħrajn kitbu ftit wisq. F'ħafna każijiet, l-ideat ma tqassmux f'paragrafi.

Apparti rapporti li ma kinux ta' livell hemm oħrajn li kienu tajbin. B'eżempju nsemmu dan:

> "Il-5 ta' Settembru 2020
>
> Ilment dwar l-Ikel
>
> Ilbieraħ ġejt mgħarraf li kien hemm klijenti li telqu mir-restorant fuq nota ħażina.
>
> L-ikel li ġie servut lill-klijenti tagħna mhux biss kien ta' kwalità ħażina iżda kien kiesaħ. Dan juri biċ-ċar li kien ilu lest u dam biex ħareġ mill-kċina.
>
> Dan it-tip ta' aġir mhux aċċettat fil-lukanda tagħna. Għaldaqstant dalgħodu kellimt lill-ħaddiema tar-restorant biex dan ma jerġax iseħħ. Il-klijenti ġew ukoll ikkumpensati billi tajniehom l-ikla b'xejn, kif ukoll offrejnielhom nuqqas fl-ammont (fil-prezz) għall-ikla li jmiss biex inħeġġuhom jerġgħu jiġu."

## Il-Ħames Taqsima: L-Ittra / l-Email

Għal din it-taqsima, il-kandidati kellhom jiktbu ittra jew email ta' madwar 80 kelma fuq wieħed minn żewġ suġġetti. Hawnhekk ukoll kien hawn nuqqasijiet marbutin mal-format tal-kitba tal-ittra bħal ngħidu aħna n-nuqqas tal-kitba tad-data, in-nuqqas ta' tqassim f'paragrafi xierqa, u l-kitba żbaljata tal-indirizzi.

L-aktar li ntgħażlet kienet l-email, imma kien hemm min ma fehemx is-suġġett tal-email għax spiċċa jistieden lil kuġintu biex titla' miegħu l-Amerika; kandidata oħra stednitha biex tiġi f'Lulju biex ikunu jistgħu jmorru jgħumu flimkien – l-istedina suppost kienet għall-Għid. Fil-każ tal-ittra formali lis-sindku kien hemm ukoll min ma fehemx is-suġġett u tkellem fuq it-tiswija tal-bankijiet minflok tal-bankini.

F'din it-taqsima wkoll tfaċċaw bosta żbalji ta' kull xorta kif spjegat f'partijiet oħra ta' dan ir-rapport. U kien hemm min kiteb ftit wisq u oħrajn li ma qassmux l-ideat f'paragrafi. Xi kandidati ħallew barra t-tislima fil-bidu u/jew it-tislija fl-aħħar. Kien hemm min ma użax l-isem skont kif ingħata fil-karta.

## L-iżbalji fil-proża kontinwa

Fl-esejs, fir-rapporti, u fl-ittri ntilfu bosta marki minħabba l-iżbalji tal-kitba.

- L-espressjonijiet ta' direzzjonijiet ('il fuq, 'l isfel, 'il barra, 'il ġewwa, 'il quddiem) spiss inkitbu bl-artiklu. Eż. "aħna bħala pajjiż u bħala dinja imxejna l-quddiem u bdejna nifhmu għala ssess mhux se jbiddel min aħna bħala persuni.";
- It-tikek fuq l-ittri mhux dejjem intgħamlu u xi wħud m'għamlux distinzjoni bejn "ħ" u "h", "Ħ" u "H";
- Il-markers iltaqgħu ma' bosta kliem spellut ħażin: eż. "umbad", "ħadd" (minflok "ħadt"), "ġejj", "diħel", "semaw", "qadna", "rajniha", "qedin", "tgħaret", "norqgħod", "żażaħ", "tipki". L-impressjoni ġenerali hija li l-ortografija tal-maġġoranza hija batuta immens. Kien hemm min anki l-kelma "komunità" spellieha ħażin avolja kienet mogħtija fil-karta tal-eżami;
- Kien hemm każijiet ta' nuqqas ta' qbil bejn in-nom u l-verb;
- Kien hemm xi żbalji fejn jidħlu n-nomi li jiġu wara n-numri;
- Bosta sentenzi kellhom nuqqas serju ta' punteġġjatura;
- Kien hemm (fil-parti l-kbira tal-esejs) nuqqasijiet serji fis-sintassi;
- L-espressjoni ta' ħafna wkoll b'mod ġenerali dehret batuta u dgħajfa, u ħafna sabu diffikultà kbira biex jesprimu ruħhom b'mod ċar u idjomatiku;
- Kien hemm min abbuża bl-influwenza tat-Taljan u l-Ingliż fuq il-Malti: eż. "fjabesk" (tal-ħrejjef) u "ġie poisinjat" (ġie vvelenat);
- Kien hemm min qisu qed jikteb fuq il-mowbajl: eż. "tjb" (tajjeb), "frs" (forsi).

Xi eżempji ta' siltiet bl-iżbalji huma dawn:

- "Inżilt inkiss inkiss li ħadd ma seta jismani iżda meta afast l-iswiċ tad-dawl ma rajt lill-ħadd."

- "X'ħin ħarist barra t-tieqa rajt lil xi ħadd liebes kollu iswed jaqbeż min fuq il-'gate' u jiġri l-barra min fuq il-propjeta tagħna."
- "L-unika ħaġa li rajt platti malart f'elf bicca umbad ilmaħtha."
- "Jien qadt lil-ħabiba tiegħi li ġiet id-dar tiegħi biex torqod għandi."
- "Sfortunatament hawn ħafna n-nies fejn jiżulaw ruħhom i jibiżgħu jagħmulu ċertu passi biex jithlu ma' grupp biex isibu l-għajnuna."
- "Għandek madwar il-mitejn skultura f'dan l-esebizzjoni."
- "L-aħħar ġimgħa, l-mużew tal-Belt kellhom esebizzjoni tal-Arti fejn it-tfal ippreparaw biċċiet t-arti għal-kulħadd... L-overall tal-mużew kien sabiħ ħafna u nixtieqkom tmorru."
- "Il-ħallelin inagħtaw l-għomor ta' ħajjithom il-ħabs."
- "b'wiċċ ta' ġid xejn ma ġarali".
- "tlieta u għoxrin il-persuna".
- "fil-ħabta tas-sebgħa u nofs".
- "qajmuni minn fuq sensija".
- "jiqriebu" (i.e. joqorbu).
- "Il-klikka (i.e. lukkett) tal-bieb bdiet iddur".
- "għajenjja bdew jagħlqu" (i.e. jingħalqu).
- "Kienet id-dawl".
- "Persuna li daħal".
- "qalbi jteptep".
- "Qbadt il-kuraġġ" (i.e. rabbejt).
- "Din ir-restorant kien għamel il-ħut għal xi ħadd imma laqas jinduna li l-ħut kien ħażin għalieh."
- "Il-logħba ġiet magħbula".
- "Nistenna għar-risposta"

Ta' min jgħid ukoll li xi kandidati ma għamlux distinzjoni bejn it-taħdit informali u r-reqqa tal-kitba. U oħrajn ma laħqux l-għadd meħtieġ tal-kliem kif kien mitlub minnhom. Kien hemm min ukoll ma tax kas l-istruttura tal-komponiment u kiteb paragrafu wieħed biss u ma qassamx l-ideat f'paragrafi, u ma kien hemm ebda distinzjoni bejn l-introduzzjoni u l-bqija; xi wħud lanqas kellhom konklużjoni. Xi markers sabu komponimenti bl-istess ideat repetuti biex jgħaqqdu l-għadd meħtieġ tal-kliem u wħud oħra li kienu diffiċli biex tifhem x'kien hemm miktub.

Kien hemm ukoll nuqqas kbir ta' ideat u kultant dak li tniżżel fuq il-karta ma kienx jagħmel sens. Deher xi faqar kulturali kif ukoll kien hemm min ikkopja t-titlu tal-esej u kompla b'mod li ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak it-titlu. Diversi markers irrimarkaw li dan kollu juri li l-kandidati kienu neqsin mill-qari u li mhumiex midħla

ta' tagħrif ġenerali li jista' jtejbilhom l-għarfien kulturali tagħhom. Barra minn hekk, xi kitbiet kellhom livell ta' Malti sempliċi wisq.

Għadd żgħir ta' kandidati ħallew il-komponiment barra. Oħrajn m'għamlux ir-rapport jew l-ittra.

## D. It- Tieni Karta A

### L-Ewwel Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)

Bosta tweġibiet kienu tajbin. Imma kien hemm min tilef xi marki għax ma semmiex id-dettalji kollha meħtieġa. L-aktar li batew il-kandidati meta ġew biex jitkellmu fuq il-metrika u fuq xi termini speċjalizzati; u xi wħud ma nqdewx b'termini bħal vers wati, vers tronk, u *climax*. Ftit kienu dawk li tkellmu fuq l-effetti tal-mekkaniżmi poetiċi użati.

### It-Tieni Taqsima: Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)

Ħafna wieġbu kif kien mistenni minnhom, imma xi wħud ma tawx dettalji biżżejjed. Fl-ewwel silta kien hemm min tkellem fuq il-kontenut u mhux fuq "l-element ta' konverżazzjoni". Bosta tkellmu tajjeb fuq l-effett li tħalli xi figura tat-taħdit fil-letteratura.

### It-Tielet Taqsima: Il-Komponimenti Letterarji

#### Bejn Ħaltejn

Kien hemm min aktar irrakkonta x'fihom ix-xogħlijiet fi kliemu milli kkummenta fuqhom. Kien hemm min għamel esej wieħed minflok tnejn u oħrajn li ma rrispettawx it-tul mitlub minnhom. Fost nuqqasijiet oħra nsibu:

- introduzzjonijiet mhux effettivi;
- nuqqas ta' tqabbil bejn xogħol u ieħor fl-istess tweġiba;
- punteġġjatura nieqsa jew żbaljata;
- repetizzjoni tal-istess introduzzjoni u/jew konklużjoni f'esejs differenti;
- kwotazzjonijiet mhux korretti jew ivvintati;
- l-ideat differenti ma tqassmux f'paragrafi xierqa differenti imma ngħataw kollha f'paragrafu wieħed;
- użu ta' lingwa meqjusa baxxa (eż. "jfottulha kollox");
- żbalji tal-kitba ta' kull għamla.

### Ir-Raba' Taqsima: Il-Komponiment Letterarju (*Il-Ħarsa ta' Rużann*)

Hawnhekk ukoll kien hemm min aktar qagħad jirrakkonta x'fih ir-rumanzett milli jiddiskutih. Xi kandidati taw ġrajjiet li dehru fil-film ta' Rużann u li mhumiex fir-rumanzett. Għall-eżami huwa r-rumanzett li jgħodd u mhux il-film. Barra minn hekk,

- kien hemm min irrefera għal Francis Ebejer fil-femminil;
- xi wħud taw l-artiklu lil Rużann ("ir-Rużann");
- kien hemm min sejjaħ ir-rumanzett "novella";
- oħrajn żbaljaw f'xi fatti tal-ġrajja (eż. qalu li l-argument ta' Marija kien mal-kappillan jew mal-qassis, u mhux mas-sagristan) jew ħawdu l-ismijiet tal-karattri;
- ħafna kienu dawk li taw argumenti li ma jintrabtux mas-suġġett tal-mistoqsija mogħtija;
- xi wħud ma qassmux l-ideat u l-argumenti differenti f'paragrafi xierqa;
- kien hemm min ta xogħol qasir ħafna;
- il-biċċa l-kbira tal-kandidati tilfu ħafna marki minħabba l-iżbalji tal-kitba.

## E. It-Tieni Karta B

F'din il-karta numru ta' kandidati ma kitbux x'taqsima u x'mistoqsija kienu qegħdin iwieġbu. Xi wħud ir-referenzi għall-kuntesti ħaduhom qishom taħriġiet ta' komprensjoni u mhux mistoqsijiet letterarji. L-iżbalji tal-kitba kienu bosta, u xi kandidati anki spellew ħażin dak il-kliem mogħti fil-karta.

Fejn kien hemm xogħol ta' karatterizzazzjoni, kważi l-kandidati kollha batew ħafna jew naqsu li jagħmluh b'mod xieraq u relevanti. Ma' dan inżidu li bosta kandidati mhumiex imħarrġa biżżejjed biex iħaddmu xejriet stilistiċi. Ħafna wkoll ma jagħmlux distinzjoni bejn novellist (awtur ta' novelli) u poeta (awtur ta' poeżiji). Bosta kienu dawk il-kandidati li ma tawx tweġibiet sħaħ jew ħallew barra xi parti mill-mistoqsija (speċjalment fir-referenzi għall-kuntesti).

### Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)

- Ħafna ma wiġbux tajjeb fuq il-metrika;
- Fil-parti fuq *Katrin tal-Imdina*, ħafna nnutaw sew li l-poeta joħloq element ta' misteru u kurżità;
- Ftit kienu dawk li wieġbu tajjeb dwar l-effetti ta' partijiet tal-poeżiji;
- Kien hemm min ma kienx jaf xi jfissru xi termini (bħal "antiteżi").

### Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)

- Kien hemm min ma fehemx xi mistoqsijiet;

- Kien hemm min ma tax dettalji biżżejjed f'xi mistoqsija, jew wieġeb parti biss minn xi mistoqsija;
- Oħrajn ma daħlux fil-qalba tas-suġġett mislut mix-xogħol;
- Dehru nuqqasijiet kbar fl-għarfien ta' figuri tat-taħdit;
- Kien hemm min spjega sew ir-relazzjoni bejn il-karattri.
- Xi mistoqsijiet tħallew barra.

## Il-Komponimenti Letterarji

Dawn il-kummenti ġenerali japplikaw għall-esejs letterarji tal-kandidati li għażlu t-2B.

It-tqassim tal-ideat f'paragrafi kien batut ħafna. Il-biċċa l-kbira rrakkontaw minflok analizzaw ix-xogħlijiet. Kien hemm nuqqas ta' introduzzjonijiet u konklużjonijiet effettivi. Ħafna dawru l-mistoqsija tal-eżami fi kliemhom u użaw dak il-kliem kemm fl-introduzzjoni u kemm fil-konklużjoni. Kien hemm ukoll min ħalla l-introduzzjoni u l-konklużjoni barra.

Ħafna qagħdu jirrakkontaw x'fihom ix-xogħlijiet minflok jiddiskutuhom b'eżempji xierqa. Kien hemm ħafna kitba irrelevanti. Ħafna mill-argumenti tat-tweġibiet intrabtu mar-rakkonti u l-ħsibijiet tal-poeżiji u mhux mal-argumenti mitlubin mill-mistoqsijiet. Ftit kienu dawk li kkwotaw tajjeb u b'mod għaqli; infakkru li l-kwotazzjonijiet iridu jkunu bl-inverted commas. Meta wieħed ma jiftakarx kwotazzjoni eżatta, m'għandux jivvinta imma jagħmilha fi kliemu.

Bosta kandidati ma rabtux l-ideat f'esej letterarju ma' xulxin, u l-kitba tagħhom ġiet aktar f'għamla ta' punti. Ħafna ma għażlux bejn novella u poeżija, u ħalltuhom ma' xulxin. Oħrajn gerfxu l-karattri ma' xulxin, u xi wħud ma kinux ċari f'dak li kitbu.

Ħafna mill-komponimenti kienu qosra wisq – kien hemm kitbiet ta' 50 u 80 kelma biss. Xi wħud dehru li ma jafux x'se jaqbdu jiktbu u kitbu b'mod ġenerali mingħajr referenza għax-xogħlijiet – kien hemm xi kandidati li kitbu fuq l-esperjenzi tagħhom u mhux fuq dawk tal-karattri letterarji. Oħrajn ħallew xi komponiment barra, u ftit mill-kandidati ħallew iż-żewġ komponimenti barra. Diversi markers ikkummentaw li l-kandidati li għażlu t-2B għandhom bżonn jistħarrġu aktar fil-letteratura għax ħallew il-komponimenti barra jew dak li kitbu ma kellux x'jaqsam mal-letteratura ssettjata mis-sillabu.

Xi wħud kitbu komponiment ġenerali, mhux komponiment letterarju. Kien hemm ukoll min kiteb fuq xogħol wieħed meta l-mistoqsija tal-eżami kienet qed tgħidlu biex iqabbel xi xogħlijiet ma' xulxin.

L-użu ta' kliem baxx kien spiss. F'eżami bħal dan il-kandidati jridu jitħarrġu sabiex kliem bħal dan jevitawh għax mhuwiex parti mil-lingwa xierqa ta' eżami li jitlob lingwa formali.

### Bejn Ħaltejn

- Ħafna ma tawx eżempji biex isostnu l-argument tagħhom, inkella taw xi referenzi vagi;
- Kien hemm xi wħud li ħawdu t-temi tax-xogħlijiet ma' xulxin;
- Xi wħud ippreżentaw ideat irrelevanti għas-suġġett li għażlu;

- Ħafna kandidati ma kinux jafu l-ġeneru tal-kitba;
- Bosta drabi l-għamla ta' dan l-esej kienet ta' żewġ paragrafi: wieħed għal kull xogħol imsemmi fil-mistoqsija. Ftit kienu dawk il-kandidati li qabblu x-xogħlijiet ma' xulxin biex ikunu jistgħu jiddiskutu relazzjonijiet differenti;
- Kien hemm esejs bla konklużjonijiet;
- Xi wħud ħalltu xogħol ma' ieħor (eż. ħalltu lil *Ċensina* ma' *Il-Koranta*; jew *Bl-Irħis* ma' *Xtara l-Ħut fil-Baħar,* jew *Jum San Valentin* ma' *Jacqueline*), x'aktarx minħabba li ma kinux midħla sew tal-kontenut tat-testi.

### Il-Ħarsa ta' Rużann

- Bosta kienu dawk li ppreżentaw ideat tajbin; imma kien hemm it-tendenza li l-kandidati jargumentaw skont l-ordni tal-karattri (paragrafu dwar kull dixxendent) mingħajr ma jqabbluhom ma' xulxin;
- Kien hemm ħafna li ħawdu karattru ma' ieħor (eż. qalu li Ġina laħqet tabiba, Rużann kellha iben minn Mark Antonin u semmietu Pietru, Pietru żżewweġ lil Lurenz u kellhom lil Marija);
- L-irrelevanza dehret sikwit hawn ukoll, għax bosta kandidati semmew ġrajjiet jew karattri li ma kellhomx għalfejn jagħmlu referenza għalihom skont dak li kien mitlub minnhom fil-mistoqsija tal-eżami;
- Kien hemm hawn ukoll nuqqas ta' eżempji biex isaħħu l-argumenti. U oħrajn irrepetew l-istess ideat fl-istess esej;
- Kien hemm min ma kitibx skont it-tul mitlub.

### *Nuqqasijiet fl-espressjoni kemm mill-Karta 2A u 2B*

Nagħtu xi eżempji ta' espressjonijiet li mhux dejjem għamlu sens fl-esejs letterarji ta' din is-sena jew li ħalltu ħaġa ma' oħra. Dawn juru għarfien limitat tat-testi ssettjati.

- "Jum San Valentin ma baqgħux jinħabbu sal-aħħar għax ir-raġel telaqha u spiċċat trabbi t-tifla weħidha."
- "Il-Koranta kienet tmur il-knisja kuljum, tagħmel prayer għal San Ġużepp ħalli hi ssib Koranta raġel."
- "Frans Sammut qed jistaqsi lis-surmast tal-iskola li mar mal-mara tiegħu Nina."
- "F'Bank naraw kif is-Sur Tonin li ma jagħtix kas il-mara tiegħu għaliex tikkmandah ħafna u jħossu li qisu qed ikellem 'l ommu imma martu tisfurzah ftit għat-tajjeb tiegħu."
- "F"dawn iż-żewġ relazzjonijiet nistgħu naraw id-differenzi bejniethom lis-Sur Tonin irranġa imma Maria ma kellhiex tort minbarra tibqa' miexja."

- "Jum San Valentin hija botta bejn hu u martu, jien naħseb liż-żwieġ isiru mhux biex tgħidu li żżewwiġtu imma tiżżewġu għaliex tħobbu lil xulxin."
- "Il-protagonist ikun qed jistħi u biex joħroġ ma' mara li qabditu jħares jagħmel telefonata falza biex ikun jista' joħroġ magħha bil-mod li jrid hu." (Referenza għal Jacqueline minflok Jum San Valentin.)
- "Il-Koranta, mara li kienet għadha xebba u kienet tiġi mdaħka min-nies."
- "Ir-relazzjoni kienet valenuża għax hu kien jikkummenta fuq xi ħaġa li għandha."
- "F'Bank, l-attur prinċipali mar fi skola ta' meta kien żgħir."
- "Fil-Koranta naraw mara xiħa li tgħix fil-ħmieġ għax m"għandhiex flus." (Referenza għal Ċensina minflok il-Koranta.)
- "Marija saret tgħallem l-edukazzjoni. Kienu ilhom jippruvaw iġibu l-ugwaljanza bejn il-klassi l-għolja u l-klassi l-baxxa. Issa daqslikieku m'hemmx differenza bejniethom."
- "Rużann dejjem kienet toqgħod ġo dar klassika u kbira."
- "Marija kienet l-unika waħda li baqgħet taħdem ġol-għalqa minn ħutha."

## E. Konklużjoni

Xi wħud mill-kummenti li ngħataw f'dan ir-rapport ilhom jidhru fir-rapporti tas-snin ta' qabel. Hawnhekk qed jerġgħu jidhru sabiex nemfasizzaw il-fatt li l-eżaminaturi qed isibu l-istess karatteristiċi minn sena għal oħra. Jiġifieri, dan ir-rapport żamm f'moħħu r-rapporti ta' snin ta' qabel. L-iskop ta' dawn ir-rapporti (inkluż dan) huwa li jiftħu għajnejn l-għalliema u jservu ta' gwida għall-kandidati li jridu jġibu grad tajjeb fil-Malti f'dan il-livell. Barra minn hekk, f'dan ir-rapport ir-repetizzjoni tal-kummenti minn taqsima għal oħra tħalliet sabiex l-eżaminaturi juru kemm kumment ikun japplika għall-partijiet kollha tal-karta, u fl-istess ħin il-qarrejja jintebħu li l-istess kumment ikunu għamluh diversi markers. Nissuġġerixxu li r-rapport tal-eżaminaturi tas-sena l-oħra jinqara flimkien mar-rapport tal-eżaminaturi ta' din is-sena.

Iċ-Chairperson
Il-Bord tal-Eżaminaturi 2020